# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 473/2017 MH**

**Illum, 15 ta' Gunju, 2018**

**Carmel Camilleri (KI: 345752M) u Mary Camilleri (KI: 605350M)**

**vs**

**Grandmasters Properties Limited (C48145)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat tal-atturi Carmel u Mary Camilleri tal-25 ta' Mejju 2017** li permezz tieghu ippremettew:

1. *"Illi nhar it-28 ta' Novembru 2011 il-partijiet dahlu ghal konvenju fejn is-socjeta' intimata obbligat ruhha li tbiegh u titrasferixxi lir-rikorrenti: 'Il-garaxx internament market bin-numru tnejn u sebghin (72) li jinsab 'fis-semi basement level' (level wiehed (1)) accessibli direttament minn Triq ic-Cimiterju Zabbar…';*

2. *Illi l-garage kien se jinbiegh bil-prezz ta' erbgha u tletin elf u disa mitt euro (€34,900), liema prezz kien se jithallas mir-rikorrenti lis-socjeta' intimata permezz ta' xogholijiet ta' garage doors;*

3. *Illi minkejja li r-rikorrenti kienu sahansitra anke interpellaw lis-socjeta' intimata permezz ta' ittra ufficjali sabiex l-istss socjeta' intimata tersaq ghal kuntratt ta' bejgh ta' dan il-garage hija baqghet inadempjenti;*

4. *Illi per konsegwenza il-konvenju li sar bejn il-partijiet nhar it-28 ta' Novembru 2011 m'ghadux validu;*

5. *Illi r-rikorrenti kienu lahqu ghamlu b'wiehed u ghoxrin elf euro, disa mija u tnejn u sittin euro u sitta u tletin centezmi €21,962.36c) xoghol ta' garage doors lis-socjeta' intimata;*

6. *Illi minkejja li is-socjeta' intimata kienet interpellata mir-rikorrenti sabiex thallashom is-somma ta' elf euro, disa mija u tnejn u sittin euro u sitta u tletin centezmi (€21,962.36c), liema somma hija certa, likwida u dovuta, is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti;*

7. *Illi l-imsemmi kreditu tar-rikorrent huwa cert, likwidu u ezigibbli u, sa fejn jafu l-istess rikorrenti, is-socjeta' intimata m'ghandha ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghhom ghall-hlas ta' din is-somma;*

8. *Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

***Gh**aldaqstant in vista tal-premess, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1.Tilqa' t-talba tar-rikorrenti bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili (Kap. 12); u*

*2. Tiddikjara lis-socjeta' intimata debitrici fil-konfront tar-rikorrenti ghas-somma ta' wiehed u ghoxrin elf euro, disa mija u tnejn u sittin euro u sitta u tletin centezmi (€21,962.36c) ; u*

*3. Tikkundanna minnufih lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf euro, disa mija u tnejn u sittin euro u sitta u tletin centezmi (€21,962.36c), dovuti kif intqal aktar il-fuq.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali nru 318/16 datata 22 ta' Novembru 2016 u bl-imghaxijiet sa mill-1 ta' Dicembru 2016 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' intimata, li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramenat.

Rat li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta guramentata u ghalhekk waqghet kontumaci.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Il-partijiet fil-kawza kienu ffirmaw konvenju fit-28 ta' Novembru 2011[1] permezz ta' liema s-socjeta' konvenuta ntrabtet li tbiegh u titrasferixxi lix-xerrejja, atturi fil-kawza, garaxx gewwa Haz-Zabbar. Dwar il-hlas huma ftehmu hekk –

*"1. Bil-prezz ta' erbgha u tletin elf u disa' mitt Ewro (€34,900) liema prezz ser jithallas permezz ta' xoghlijiet ta' garage doors mix-xerrejja u/jew haddiema mqabbdin minnu. Inoltre l-partijiet jiftehmu illi bi ftehim bejniethom, ix-xerrejja jintrabtu li jaghmlu xoghlijiet ghall-valur ta' €69,800 li minnhom €34,900 ser jithallsu fi flus mill-venditur lix-xerrej u l-kumplament jitnaqqsu mill-prezz tal-bejgh…"*

Fit-**22 ta' Novembru 2016** l-attur Carmel Camilleri prezenta ittra ufficjali kontra s-socjeta' konvenuta fejn interpellaha sabiex taddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-att finali ta' komprovendita tal-garaxx imsemmi wara li l-konvenju kien gie estiz diversi drabi bi qbil bejn il-partijiet[2].

Fid-**19 ta' Jannar 2017** l-attur baghat ittra legali lill-konvenuti fejn interpellahom sabiex fi zmien gimgha ihallsuh is-somma ta' €21,962.36 bhala

[1] Fol 6 et seq
[2] Fol 12

hlas ghal xoghlijiet li huwa ghamel f'diversi lokalitajiet fuq struzzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta, liema somma hija certa, likwida u dovuta[3].

Rat illi s-socjeta' konvenuta debitament notifikata ma ntavolatx risposta guramentata u ghalhekk waqghet kontumaci.

Semghet bil-gurament lill-attur Carmel Camilleri[4] li kkonferma li minn mindu nfethet il-kawza huwa ma rcieva ebda hlasijiet minghand is-socjeta' konvenuta.

Rat l-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Billi t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta pruvata.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**

[3] Fol 14
[4] Seduta tat-23 ta' Marzu 2018